MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1310/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**KONTRA**

**JOSEPH BARTOLO**

**Il- Qorti;**

Wara li rat l- imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Bartolo ta' 61 bin Fidel u Saverja nee' Seychell, mwieled Gudja fis- 27 ta' Mejju 1950, residenti 3 alley, 6 Main Street Gudja u detentur tal- Karta tal- Identiat' bin-numru 498650M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli ;

1) Fis- 16 ta’ Mejju 2008 u/ jew f’ xi zmien qabel din id- data f’ Hal- Luqa caqlaq u/ jew zamm annimali minghajr il- permessi necessarji tas- Servizzi Veterinarji;
2) Ukoll talli fl- istess perjodu lok u cirkostanzi, bhala l- persuna li zammm jew qabel li jzomm xi annimali gieghel lill- istess isofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

Rat id- dokumenti kollha ezebiti;

Rat l- atti kollha tal- kawza;

Semghet ix- xhieda prodotti;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fati li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. F’ Mejju 2008 kienet saret spezzjoni fil-proprjeta’ tal-imputat u kienet instabet dak li l-awtoritajiet iddiskrevew bhala “farm” bl-annimali, uhud minnhom mhux registrati. Kien hemm numru ta’ annimali fi stat hazin ta’ sahha, kien hemm ohrajn mejta, u kien hemm anke karkassa ta’ ziemel ilu mejjet xi gimghat. Bl-intervent tas-Servizzi Veterinarji tal-gvern, l-annimali li ma kienux registrati gew mehuda u gew distrutti, u l-imputat gie ordnat inaddaf il-post kollu, haga li ghamel wara ftit jiem.

Mil-provi prodotti hija l-fehma tal-Qorti li dawn l-imputazzjonijiet irrizultaw ampjament ippruvati. Ghalkemm ma rrisultax l-estremi tal-mohqrija intenzjonali u deliberate fuq l-annimali, irrisulta li dawn kienu qed jinzammu fi stat hazin ghal sahhithom, bi traskuragni u negligenza kbira da parti tal-imputat. Apparti dan kollu, huwa ta’ periklu serju hafna ghall-industrja tat-trobbija tal-annimali li jkollok siti bhal dawn b’ diversi annimali mhux registrati. Minghajr kontroll fuq bhejjem hekk mizmuma, tista’ facilment tfaqqa’ epidemija ta’ mard li jhassar il-prodott ta’ laham imrobbi ghall-konsum tal-bniedem. Huwa minhabba f’ hekk li l-legislatur ried li jikkontrolla t-trobbija ta’ annimali f’ zoni apposta.

Tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti trid tikkalibra l-piena biex isservi ta' deterrent ghall-imputat u ghal persuni ohra li jippruvaw irabbu annimali minghajr il-permessi mehtiega. Dan il-kaz kien aktar jittratta ma' annimali mizmuma bhala "pets" milli ghall-konsum uman, u ghalhekk m'hix sejra taghti piena pekunjarja iebsa.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikolu 35 (c) (iii) tal- Kapitolu 437 u Artikolu 8 (2) u 8 (3) tal- Kapitolu 439 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' elf ewro (€1,000).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------